Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 350/2016/1

**Argus Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Omar Busuttil u l-istess Omar Busuttil**

**Vs**

**Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv fil-kwalita taghhom rapprezentanti tal-Kunsill Lokali Qrendi u b'digriet tal-24 ta' Ottubru, 2016 giet ordnata l-kjamata fil-kawza tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta u tal-Ministeru ghall-Infrastruttura u Trasport**

25 ta' Jannar, 2019.

1. Il-kawza titratta dwar hsara fil-vettura EBT 298 li l-atturi jsostnu li saret fl-10 ta' Mejju, 2015 gewwa Triq Rokku Buhagiar, Qrendi ghal habta tal-4.45 pm. meta ghaddiet minn hofra li kien hemm fit-triq. B'sentenza tas-6 ta' Gunju, 2018 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar:

   i. Laqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita u laqa' l-uniku eccezzjoni li ta l-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura u lliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.
   ii. Cahad l-eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor.
   iii. Iddikjara lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi responsabbli ghad-danni u kkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' €1,611.70.

2. Il-Kunsill appella mis-sentenza bl-aggravji jkunu:

   i. It-toqob li jinghalqu bit-tappieri kienu diga' fil-post meta s-Sindku u s-Segretarju ezekuttiv gew mahtura fir-rahal tal-Qrendi. Ghalhekk dawn kienu responsabbilta tal-kazini tal-banda.

ii. It-Tribunal naqas milli jikkunsidra r-ritratti li hemm fl-atti, u hu evidenti li r-ritratt prezentat mir-rikorrenti dwar fejn sar l-impatt juri bl-aktar mod car illi t-triq m'hijiex l-istess fejn sar l-incident.

iii. Ghalkemm it-Tribunal qal li r-rapport sar a tempo vergine, l-attur stess xehed li r-rapport sar l-ghada fis-1.00 ta' wara nofsinhar.

iv. It-Tribunal naqas mill jikkunsidra l-ghamla tat-tappiera. L-incident sar x'imkien iehor.

v. It-tappiera kienet maghluqa u ghalhekk ma kellhiex bzonn ta' manutenzjoni. Tappiera li tintuza biss ghall-arbli tal-festa.

3. Il-konvenuti kollha wiegbu, minkejja li kien hemm tnejn minnhom li fis-sentenza tat-Tribunal gew liberati mill-osservanza tal-guddizzju u fir-rikors tal-appell ma jirrizultax li hemm aggravju dwar dak.

4. Nghid li f'dan il-kaz, l-uniku verzjoni li kellu quddiemu t-Tribunal ta' kif sehh l-incident kienet il-verzjoni tal-attur Omar Busuttil. Il-qorti qrat l-ezami u kontro-ezami u ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li t-Tribunal kellu bilfors ma jemmnux. Il-qorti m'hijiex ser toqghod tispekula dwar kif gara l-incident u jekk setghax isehh minhabba l-ghamla tat-tappiera. Li hu zgur hu li fit-tappiera li rrefera ghaliha l-attur, jidher bic-car il-konkos ta' madwarha maqlugh u l-fram taghha mikxuf (ara fol. 37 u 38).

5. Il-qorti m'hijiex ser taghti piz ghal fatt li r-rapport lill-pulizija sar l-ghada tal-incident. L-attur qal li sar l-ghada, *"ghaliex minhabba l-qatgha li hadu l-familjari tieghi kellhi noqghod maghhom"*. Dan ma kienx xi incident kbir u l-qorti tiddubita kemm dan seta' wassal ghal xi reazzjoni simili, iktar u iktar meta tqies li l-attur xehed li kien ser jipparkja l-vettura. Cirkostanza li fiha nnifisha tindika li ma kienx ghaddej b'xi velocita qawwija. Madankollu l-attur ma xehedx quddiem din il-qorti, u ghalhekk il-qorti ma tistax tikkonkludi dwar l-atteggament tal-attur waqt li kien qieghed jixhed. Li hu zgur hu li fid-darbtejn li xehed, m'hemmx indikazzjoni cara u inkonfutabbli li t-Tribunal kellu jikkonkludi li x-xhud kien qieghed jigdeb.

6. Mid-deposizzjoni ta' Walter Vella, *motor surveyor* tal-kumpannija assiguratrici, jirrizulta li wasal ghall-konkluzjoni li l-hsara li ra fil-vettura kienet kompatibbli *"... ma' daqqa tal-antarjola tal-festa"*. Prova ohra favur l-appellat.

7. L-argument tal-appellanti li r-ritratti li pprezenta l-attur m'huwiex tat-triq fejn sehh l-incident, hi minghajr bazi. L-appellanti rragunat li, *"... s-siment jidher kulur kompletament differenti b'hekk din hija prova cara illi l-incident ma sarx permezz tat-tappiera"*. Pero' ma ngiebet l-ebda prova f'liema triq ohra seta' ttiehdu dawk ir-ritratti li pprezenta l-attur. Dan apparti li l-attur stess xehed li r-ritratti a fol. 37-40 ittiehdu minnu stess ezatt wara l-incident.

8. Il-fatt li t-tappieri ma sarux mill-Kunsill hu immaterjali. Jibqa' l-fatt li jinsabu fi triq li responsabbli ghaliha l-Kunsill. Mela l-Kunsill irid iwiegeb ghall-hsara li ssir kagun tat-tappieri.

9. L-appellanti argumentaw li, *"B'tappiera ta' dak il-qies ma tista' qatt tigi elevata vettura kif iddikjara r-rikorrenti permezz tax-xhieda tieghu"*. Hu minnu li fit-traskrizzjoni hemm stampat, *"B'konsegwenza t'hekk oghla l-karozza mill-genb. Ahna smajna hoss kbir peress li l-karozza gholiet mill-genb ...."* (fol. 32). Il-qorti ssibha difficli temmen li bid-daqqa l-vettura tal-attur gholiet. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li titlef il-kredibilta l-verzjoni li t-tappiera laqtet il-vettura.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.